MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Numru. 167/2006

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Stephen J. Gatt)**

**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs.**

**Anthony Cremona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anthony Cremona, ta' 34 sena, iben Paul u Carmen nee' Azzopardi, mwieled tal-Pieta' fil-11 ta' Gunju, 1971, u li jirrisjedi fil-fond Nru 13, Flat 3, Triq il-Pitkali, Marsa jew 54, Triq l-Ibjar, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 238771M

Akkuzat talli fl-Imsida, fil-lejl ta’ bejn it-23 ta’ Ottubru u l-24 ta’ Ottubru, 2005 u fix-xhur ta’ qabel

1) Bil-vjolenza, kkometta diversi stupri fuq il-persuna ta’ martu, Denise Cremona,
2) Minghajr ordni skond il-Ligi ta’ awtorita’ kompetenti, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess martu Denise Cremona kontra l-volonta’ taghha u dan sabiex, bhala mara igieghlha tghamel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 24 t’April 2006, fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 198, 86, 87(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tas-25 ta’ Frar, 2008 (fol. 64 tal-process) l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Wara li semghet it-trattazzjoni orali tad-difiza, stante li l-Prosekuzzjoni la ghamlet sottomissjonijiet orali u lanqas bil-miktub.

Ikkunsidrat:

**Il-Konsegwenzi tal-Irtirar tal-Kwerela**

Fl-ewwel lok din il-Qorti sejra tikkunsidra u tittratta l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-difiza fit-trattazzjoni orali taghha u cioe li fil-kaz odjern, l-allegata vittma, Denise Cremona, mart l-istess imputat kienet irtirat il-kwerela.

L-imputat jinsab akkuzat bi stupru vjolenti ta' martu u li ssekwestra lill-istess martu, fil-flat taghha. L-ewwel imputazzjoni, cioe dik ta' stupru vjolenti, tehtieg il-kwerela tal-allegata vittma, ai termini tal-Artikolu 544(a) tal-Kodici Kriminali.

Fl-atti gie ezebit ir-rapport tal-allegati reati li Denise Cremona kienet ghamlet,[1] u l-istess Denise Cremona kienet telghet tixhed biex tikkonferma r-rapport taghha fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006.[2]

Pero fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2007, Denise Cremona regghet telghet tixhed fejn iddikjarat li lesta li tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra zewgha in konnessjoni maz-zewg imputazzjonijiet.[3]

Sussegwentement, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2008, Denise Cremona regghet telghet tixhed u allegat li hi kienet irtirat il-kwerela ghax kienet qed tigi mhedda minn zewgha, l-imputat, u riedet li l-azzjoni kriminali kontra l-imputat titkompla.[4]

Fl-istadju tal-provi tad-difiza, u cioe fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2009, id-difiza regghet tellghet lil Denise Cremona tixhed u din qalet li *"nixtieq nahfirlu"* b'referenza ghall-imputat.[5]

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat dahal fil-kwistjoni akkademikament interessanti jekk legalment hux possibbli li persuna tirrununzja ghall-kwerela taghha, u imbaghad sussegwentement jerga' ikollha ripensament u tirtira dak li tkun irtirat u terga' tinsisti li l-proceduri fuq il-kwerela taghha jitkomplew.

---

[1] Ara r-rapport tal-Pulizija ezebit bhala Dok SG1 a fol. 15 tal-process.

[2] Ara xhieda ta' Denise Cremona a fol. 27 *et seq.* tal-process.

[3] Ara xhieda ta' Denise Cremona a fol. 54 *et seq.* tal-process.

[4] Ara xhieda ta' Denise Cremona a fol. 58 *et seq.* tal-process.

[5] Ara xhieda ta' Denise Cremona a fol. 78 tal-process.

Pero, din il-Qorti ma thossx in-necessita li tidhol f'din il-kwistjoni, stante li fl-ahhar xhieda taghha, l-allegata vittma, Denise Cremona, qalet b'mod car li riedet tahfer lill-imputat. Minn dan il-kliem il-Qorti tifhem li Denise Cremona kienet qed tirrinunzja ghal kwerela taghha ai termini tal-Artikolu 545(1) tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu jippreskrivi illi *"(1) Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa hlief b'talba tal-parti privat, il-kwerelant jista', f'kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali, jirrinunzja ghall-kwerela."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Victor Vella** deciza fil-15 ta' Novembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] irriteniet illi: *"Ir-rinunzja ghall-azzjoni ghandha tkun cara u inkondizzjonata. Ghandha tkun cara fis-sens li meta l-parti offizia tghid li qed "tahfer" irid jirrisulta b'mod car li hija qed tirrinunzja ghall-kwerela ossia ghall-azzjoni u li dik il-mahfra mhux semplicement professjoni ta' sentiment ta' karita jew ta' nuqqas ta' interess. Anqas tista' r-rinunzja tkun soggetta ghal xi kondizzjoni, ghax altrimenti l-qorti flok ma tghaddi minnufih ghas-sentenza kif suppost taghmel, ikollha tiddifferixxi biex tara jekk tavverax ruhha o meno dik il-kundizzjoni."*

Fil-kaz odjern, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2009, l-imputata spjegat li hija kienet qed tahfer lill-imputat ghax fi kliemha *"ghax gejt f'posizzjoni li ghandi bzonn l-ghajnuna tieghu. Minhabba t-tifel tieghu stess u hu b'disabilita u ser joperawh."* Minn dan il-kliem, il-Qorti tikkonkludi li ma hemmx dubbju li Denise Cremona riedet tirrinunza ghall-kwerela taghha, ossia ghall-azzjoni.

Pero, anki jekk, il-kwerela giet irtirata, jibqa' l-fatt li dan ma jiswa' ghal xejn ghax fil-kaz odjern, l-azzjoni xorta wahda hija prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija, skont il-ligi u skont il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati. Dan il-punt legali, ormai gie trattat u ritrattat fil-gurisprudenza nostrana.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Stephen Bonsfield** deciza mis-27 t'April 2006, li wkoll kienet titratta allegat stupru u sekwestru tal-persuna, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] irriteniet hekk:

*"Illi hu minnu li dwar ir-reat ta' stupru kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali w dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur kontemplat fl-artikolu 207, ma jistghux isiru proceduri kriminali hlief fuq talba tal-parti privata skont l-artikolu 544(a) u (c) tal-istess Kodici, pero l-proviso tal-istess artikolu*

[6] *Per* Imhallef V. De Gaetano.

[7] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

*544 jghid li meta xi wiehed mid-delitti fih imsemmija jsir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma' reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata.*

*Issa, apparti l-akkuza ta' stupru vjolent, attentat vjolent ghall-pudur u dik ta' ferita ta' natura hafifa, li jridu jitmexxew bil-kwerela tal-parti leza u li ghalhekk huma rinunzjabbli, l-appellant gie akkuzat ukoll b'arrest illegali tal-istess martu skont l-artikoli 86, 87 u 88 tal-Kodici Kriminali, li indubbjament huwa reat ta' ordni pubbliku w li m'huwiex rinunzjabbli."*

Dik il-Qorti irreferiet ghas-sentenza **Il-Pulizija v. George Zarb** deciza fis-17 ta' Frar 1997, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] irriteniet illi: *"L-ewwel imputazzjoni kontra Zarb hija dik ta' arrest illegali aggravat skond l-Artikolu 86 u 87 tal-Kodici Kriminali. L-azzjoni ghal tali reat ma tirrikjedi ebda kwerela. Il-Qorti tosserva li din l-imputazzjoni hi differenti minn dik ta' serq ta' persuna ("abduction") kontemplata fl-Artikolu 199, liema reat jirrikjedi l-kwerela tal-parti privata (ara Art. 544).*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Stephen Bonsfield**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid hekk:

*"Din il-Qorti diversament preseduta irriteniet li "r-reat ta' istanza privata huwa "akkumpanjat" minn iehor ta' azzjoni pubblika meta iz-zewg reati jkunu konkorrenti, billi wiehed ikun serva ta' mezz ghall-iehor jew il-fatt kriminuz ikun jivvjola "unico contextu" zewg disposizzjonijiet tal-ligi kriminali, b'mod li jitnisslu minnu zewg titoli ta' reati" (Ara* ***Il-Pulizija v. Karmenu Cassar*** *[21.4.1945] Kollez. XXXII-iv p. 895 per Harding J.)*

*Fid-dawl ta' dan huwa ovvju li r-reat ta' arrest illegali zgur li mhux rinunzjabbli w r-reat ta' stupru vjolenti, u attentat vjolent ghal pudur li taghhom wkoll nstab hati l-appellant kienu akkompanjati minn reat li jolqot l-ordni pubbliku w cioe r-reat kontemplat fl-artikoli 86, 87, 88 tal-Kodici Kriminali li ukoll gie akkuzat bih u li tieghu ukoll instab hati mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk, l-azzjoni kriminali ma kienitx tiddependi fuq il-kwerela tal-parti offiza w setghet tingieb il-quddiem mill-Pulizija "ex officio". Ergo kull irtirar tal-kwerela fi kwalsiasi stadju tal-proceduri mill-allegata vittma ma setax iwaqqaf l-andament tal-kawza kontra l-appellant u lanqas jista' jwaqqfu f'dan l-istadju. L-irtirar tal-kwerela ghal massimu seta jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-piena imma mhux b'mod li jista*

[8] *Per* Imhallef V. De Gaetano.

*josta b'xi mod ghat-tkomplija tal-proceduri. (ara App. Krim.:* ***Il-Pulizija vs. Godfrey Demanuele*** *[5.6.2003]."*

Fid-dawl tal-gurisprudenza suesposta, ladarba r-reat ta' stupru vjolenti fil-kaz odjern huwa "akkumpanjat" mir-reat ta' arrest illegali li mhux rinunzjabbli u li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali odjerna ma kienitx tiddependi fuq il-kwerela tal-parti offiza u setghet tingieb il-quddiem mill-Pulizija *ex officio.* Konsegwentement, kull irtirar tal-kwerela fi kwalsiasi stadju tal-proceduri odjerni mill-allegata vittma ma setax iwaqqaf l-andament tal-kawza kontra l-imputat u lanqas jistqa' jwaqqfu f'dan l-istadju.[9]

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra l-meritu tal-imputazzjonijiet.

**Il-Meritu**

Dan il-kaz jinvolvi kredibilita ta' xhieda bejn l-allegata vittma, Denise Cremona, mart l-imputat, u bejn ix-xhieda tal-imputat.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat u l-mara tieghu kienu ilhom separati xi sentejn minn dak in-nhar tal-incident, u kellhom tlett subien – wiehed ta' hdax-il sena, iehor ta' ghaxar snin u iehor ta' tlett snin.
2. Fit-23 ta' Ottubru 2005, Denise Cremona kienet f'bar il-Gzira mat-tlett it-tfal, u kien hemm ukoll l-imputat. Huwa beda jipprova jghannaqha, izda hija ma ridietx, u bdiet tghidlu biex ihalliha kwieta. Hija telqet mill-bar ghal habta tas-7.30p.m., u marret id-dar bit-tfal. Id-dar taghha hija flat.

[9] Ara wkoll f'dan is-sens il-**Prof. A. Mamo**, **Notes on Criminal Law** pag. 198.

3. Ghal habta tal-11.30pm, l-imputat habbat il-bieb tal-flat taghha, u hija fethitlu minn jeddha, u hu dahal gewwa. It-tfal kienu reqdin.
4. Hija marret fil-kamra tas-sodda taghha, fejn kien hemm it-tifel iz-zghir ta' tlett snin rieqed.
5. Ftit tal-hin wara, dahal fil-kamra l-imputat, u dan wara li neza' hwejgu ried ikollu x'jaqsam sesswalment maghha.
6. Huwa hatafha, nezzalha ix-il-shorts li kienet liebsa, inkluz il-qalziet ta' taht u ntefa' fuqha b'mod li ma setghetx ticcaqlaq.
7. L-imputat kellu x'jaqsam maghha sesswalment.
8. Meta hija baqghet tirrezisti u ma tkomplix mieghu, hu beda jimmasturba u egakula fuq zaqqha.
9. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma jichadx li kellu x'jaqsam sesswalment ma' martu, pero jghid li meta l-mara qaltlu biex jieqaf, huwa waqaf u kompla jimmastruba wahdu. Jghid ukoll, li l-mara setghet ticcaqlaq.
10. Jghid ukoll li jiddispjacih minn dak li ghamel, u li ghamel li ghamel ghax kien xurban.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat ghamilha cara li *"mhux qed jigi dibattut li r-reat ta' stupru jista' jigi kommess fuq mara,"*[10] u l-Qorti b'dan tifhem li d-difiza mhux qed tikkontesta li ragel mizzewweg jista' jikkommetti r-reat ta' stupru fuq martu.

Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tiddeciedi huwa jekk fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni irnexxielieх tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat ikkommetiex stupru vjolenti fuq martu u ssekwestra illegalment lill-istess martu.

Il-**Prof. Anthony Mamo**, fin-notamenti tieghu fuq il-ligi kriminali, jghid hekk fuq ir-reat ta' stupru vjolenti:

*"In our law, the offence called "rape or carnal knowledge with violence" is that which is committed by any person who, by violence, has carnal knowledge of another person of either sex.*

*Thus, there are two essential elements of this crime under our law, and these are:*

[10] Ara fol. 89 tal-process.

*(i) the carnal knowledge;*
*and (ii) the violence."*[11] (sottolinear tal-awtur).

Fil-kaz odjern, mhux kontestat li kien hemm *"the carnal knowledge"*, ghax apparti l-allegata vittma, l-imputat jammetti fl-istqarrija tieghu li ghamel l-att sesswali shih ma' martu. Ghalhekk, il-kwistjoni fil-kawza odjerna hija jekk dan l-att sesswali sarx bil-vjolenza.

Il-**Prof. Mamo** jghid hekk, fuq l-element tal-vjolenza: *"It is an element which is of the essence of the crime and not merely an aggravation of it. … … The law does not specify what the violence must consist in. Nor could it. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer: All the rest boils down to an appreciation of the circumstances of fact according to the common experience of life. Any attempt to determine "a priori" the intensity, the character and the degree of violence required would have been vain and dangerous, they depending so much on the character and personal circumstances of the victim of the crime: … …"*[12]

Sabiex tasal ghal konkluzjoni jekk fil-kaz odjern giex pruvat sal-grad li tirrikjedi l-ligi penali li l-att sesswali bil-vjolenza jew le, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatti:

1. L-allegata vittma, Denise Cremona tallega li l-imputat kien diga stupraha circa xi xahar qabel dan l-incident, u dan nonostante hija minghajr ma giet sfurzata, fethet il-bieb tal-flat taghha fil-11.30pm meta l-imputat habbat fuq il-bieb. Mara li giet stuprata certament ma kienitx se tiftah dan il-bieb b'tant leggerezza, anki jekk hija tghid li skont il-kuntratt ta' separazzjoni, l-imputat ghandu dritt jghix fl-istess flat. Fi kwalunkwe kaz, dan il-kuntratt ta' separazzjoni qatt ma gie ezebit f'dawn il-proceduri.

2. Fil-ghaxija ta' dik il-gurnata stess, Denise Cremona tghid li kienet iltaqghet ma zewgha, l-imputat, f'bar, u zewgha kien ippruva jghannaqha u hi ma hallietux. Dan il-fatt, kellu jqanqal suspetti kbar f'Denise Cremona ghalfejn l-imputat kien mar id-dar taghha fil-11.30p.m.

[11] Fol. 194.
[12] Fol. 195.

3. PS 1102 Robert Everest xehed li Denise Cremona kienet qaltlu li l-imputat zewgha kien mar id-dar taghha fil-11.30p.m. *"biex jara lit-tfal bhal ma gieli jaghmel."*[13] Issa, fl-ewwel lok, din il-Qorti ma issibhix verosimili li l-imputat mar id-dar tal-allegata vittma fil-11.30 p.m. biex jara lit-tfal tieghu li ghandhom, 3, 10 u 11 –il sena rispettivament – dan iktar u iktar meta skont ix-xhieda taghha stess l-imputat kien ra u kellem lit-tfal meta kienu fil-bar aktar kmieni fil-ghaxija. Fil-fatt fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti, Denise Cremona tghid li t-tfal kienu reqdin[14] – kif wiehed jippretendi minn tfal ta' dik l-eta zghira f'dawk il-hinijiet.

4. Min-naha l-ohra, fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, Denise Cremona tghid li meta fethet il-bieb u staqsiet lill-imputat x'ried, hu qalilha li ried ikellimha, u dahlu fil-kcina u beda jghannaqha.[15] Anki kieku allegatament l-imputat ma kienx diga stupraha xahar qabel, dan l-agir kellu igieghel lil Denise Cremona tissuspetta fuq il-veri motivi taz-zjara f'dawk il-hinijiet tar-ragel taghha, u certament setghet keccietu l-barra u sejhet ghall-ghajjut. Minflok dahlet fil-kamra tas-sodda taghha – allegatament biex ticcekkja lit-tifel iz-zghir li kien rieqed f'dik il-kamra – meta kien pjuttost ovvju li l-imputat kien se jmur warajha.

5. Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, Denise Cremona tghid li l-imputat tefaghha fuq is-sodda u nxtehet fuqha b'mod li ma setghetx ticcaqlaq, u ghalkemm irrezistiet ma setghetx tlahhaq mieghu, u ghalkemm bdiet tirrezisti xorta beda jirnexxielu ikollu x'jaqsam sesswalment maghha. Hi tghid li ma setghetx iccaqlaq saqajha.[16] Pero fix-x-xhieda quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwerenti fl-inkjesta, Denise Cremona qalet li bdiet ittih bis-sieq go sidru.[17] Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li ghalkemm, anke kif jidher fir-ritratti ezebiti, l-imputat mhux ta' statura zghira, mir-ritratti ezebiti lanqas jirrizulta li Denise Cremona hija ta' statura zghira, u ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti setghet tuza rezistenza qawwija. Skont ix-xhieda taghha stess, l-imputat ma bediex juza kliem ta' theddid, imma beda jghidilha li jhobbha.[18]

6. Anki jekk ghall-grazzja tal-argument Denise Cremona fic-cirkostanzi ma setghetx toffri rezistenza qawwija, il-Qorti ma tistax tifhem anke jekk wiehed joqghod fuq ix-xhieda ta'

[13] Ara xhieda ta' PS 1102 Robert Everest a fol. 25 tal-process.
[14] Ara xhieda ta' Denise Cremona a fol. 25 tal-process.
[15] Ara xhieda ta' Denise Cremona a fol. 28 tal-process.
[16] Ara xhieda ta' Denise Cremona a fol. 29-30 tal-process.
[17] Ara xhieda ta' Denise Cremona a fol. 27 tal-Process Verbal, ezebit a fol. 18 tal-process.
[18] Ara xhieda ta' Denise Cremona a fol. 39 tal-process.

Denise Cremona, kif it-tfal ma qamux – specjalment it-tifel li kien rieqed fil-cot li kif jidher mir-ritratti ezebiti tmiss mas-sodda,[19] ghax xi ftit tal-istorbju bil-fors kien hemm, u l-post huwa flat, li mir-ritratti ezebiti lanqas jidher li hu kbir. In oltre minn dawn ir-ritratti, il-lizar ta' fuq is-sodda huwa biss ftit imkemmex, imma mil-bqija f'postu – li ma jaghtix indikazzjoni li kien hemm xi lotta. L-istess jista' jinghad ghall-affarijiet zghar li hemm fuq iz-zewg komodini li jmissu mas-sodda, li fir-ritratti jidhru f'posthom – u certament ma jaghtux indikazzjoni li kien hemm xi lotta.

7. Mic-certifikat mediku rilaxxat minn Dott. Ivan Galea, *Obstetrician u Gynaecologist*,[20] irrizultalu illi *"On examination, there were small, fresh bruises that may have been caused by a strong finger grip:*

*(i)* *on the medial aspect of the right arm*

(ii) *on the left ring finger*

(iii) *on the lower medial aspect of the left leg*

(iv) *several along the medial aspect of the right thigh*

*On the genitalia there was a small scratch on the medial side of the urethra but the rest of the genital examination was normal."*

Ghalkemm fic-certifikat tieghu Dottor Galea ma eskludiex li dak li sab hu seta' kien ikkagunat minn dak li qalet li gara Denise Cremona, fl-opinjoni konsidrata ta' din il-Qorti, dan it-tbengil pjuttost superficjali – anke kif jidher mir-ritratti[21] - u specjalment il-fatt li l-partijiet intimi tal-allegata vittima kienu normali, huma inkompatibbli ma stupru vjolenti kif iddeskriviet l-allegata vittma, li *ex admissis* offriet certu ammont ta' rezistenza lill-imputat.

8. Fir-rapport tieghu, is-serologista Christopher Farrugia ikkonkluda illi *"Mill-analizi li saru fuq l-esebiti rrizulta li nghata rizultat pozittiv ghal acid phosphatise fuq il-qalziet ta' taht, tissue u lizar. Inghata rizultat negattiv fuq il-low vaginal, mid-vaginal u l-high vaginal."*[22] Dan il-fatt isahhah, il-verzjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu illi meta l-mara qaltlu biex jieqaf, kompla jimmastruba wahdu.

[19] Ara ritratti ezebiti minn PC 465 Daniel Abela mar-relazzjoni tieghu a fol. 45 tal-Proces Verbal.
[20] Ezebit a fol. 47 tal-proces verbal.
[21] Ara fol. 34 tal-proces verbal.
[22] Ara relazzjoni tas-serologista Christopher Farrugia a fol. 52 tal-process.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, fl-opinjoni konsidrata ta’ din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova sal-grad tal-prova minghajr dubbju ragonevoli, l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 198, 86 u 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u qed tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------